CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

L- Erbgħa, 11 ta' April 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fid- 3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Vici Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fl-3.10pm.

**63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

63.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

63.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tnejn u Sittin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

63.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.3.1 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-bins tas-sigaretti l-ġodda ġew installati madwar l-Imdina.

63.3.2 Is-Sindku nfurma lill-kunsilliera li l-Kunsill rċieva l-ewwel tranche ta' € 22,000 mingħand l-MESDC-Park fi ħdan il-Ministeru ta' L-Ambjent bħala parti mill- fondi mgħotija mill-Urban Greening

63.3.3 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-*banner* tal-Medieval Mdina li ssoltu jiġi mwaħħal mal-ħajt tat-telgħa tas- saqqajja, ġejna mgħarrfa mill-Planning Authority li dak il-ħajt huwa skedat u ma jista' jitwaħħal xejn miegħu lanqas temporanjament.

63.3.4 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li kien hemm kwistjoni mal-ERA( Environment and Resourses Authority) fuq *off shoots* li sar fuq is-sigra tat-tuta li tinsab fi Pjazza Mesquita fejn talbu r-raġuni għalfejn sar dan ix-xogħol mingħajr il-permess tagħhom. Hu ġie spjegat lilhom li fejn jidħol xogħol ta' *off shoots* l-liġi ma titlobx li għandu jintalab pemess. Madanakollu l-Kunsill ddeċieda li mill-llum l'quddiem kull intervent li hemm bzonn isir fuq is-siġar fil-lokalita' ta' L-Mdina ser jibda jintalab permess.

63.3.5 Is-Sindku ta *update* tal-preparazzjonijiet li għaddejjin għal Medieval Mdina. Huwa qal li din is-sena l-Kunsill ser jidħol fi spejjez addizjonali fosthom f'dak li jirrigwarda s-*supply* ta' l-elettriku fejn d-domanda zdiedet u kellu jinxtara xi tagħmir elettriku kif ukoll ir-*risk assessment health and safety* li huwa rekwizit biex jingħataw l-fondi mill- Gvern Ċentrali.

**63.4 Howard Gardens.**

63.4.1 Fl-2014 b'kollaborazzjoni ma' studenti franċizi minn fakulta ewlenija ta' l-agikoltura ġewwa Franza sar proġett temporanju ta' tisbieħ fi Howard Gardens (ġnien tan-nofs) permezz taz-zrar.

Ġara li dan il-ġnien huwa skedat u għalhekk ma seta' jsir l-ebda intervent jekk mhux bil-permess dak iz-zmien tal-MEPA. Għalhekk inħareg enforcement notice fil-konfront tal-Kunsill fejn sar appell permezz ta' l-avukati tagħna pero' ġejna nfurmati l-ġimgħa l-oħra li din l-oġġezzjoni ma ntlaqatx u weħilna l-penali.

Fuq dawn il-penali Artiklu 5 ta' L-Avviz Legali 276 tal-2012 ( Daily Penalty Regulations) jgħatik ċ-cans li jekk il-penali, dak li jkun, jidhirlu li huma eċċessivi jista jibgħat petizzjoni fejn jagħti r-raġunijiet tiegħu għal dan.

Fl-opinjoni tas- Sindku wieħed għandu jimxi ma dawn il-prassi u la darba jirċievi l-ittra bil-penali, jitqabbad l-avukat tal-Kunsill biex jibgħat din l-ittra. Il-Kunsill approva unanimament.

**63.5 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

63.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-11 ta' April 2018(mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 14,333.44

63.5.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet issekondata mill-Kunsillier Alfred Barbaro Sant. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**63.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

62.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fl-4.24pm u ġiet aġġornata għal 23 ta' Mejju 2018 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 11-04-2018_______